# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tas-6 ta' April 2001**

**Citazzjoni numru 1384/93 GC**

**Theresa sive Tessie Mallia kif assistita minn zewgha Anthony ghal kull interess li jista' jkollu skond il-ligi**

**-vs-**

**Spiridione Stafrace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi l-konvenut accetta minghand l-attrici kif assistita minn zewgha, li jahdem sitt siggijiet u zewg pultruni u dan skond mudell li lilu gie muri minn fuq katalogu mill-istess attrici, liema inkarigu gie hekk accettat versu l-hlas ta' tlett mija, tnejn u erbghin liri maltin (Lm342.00);

Illi dan l-inkarigu ma giex esegwit la skond l-arti u s-sengha u lanqas skond l-ispecifikazzjonijiet u konfigurazzjonijiet tal-mudell murija lill-konvenut mill-attrici;

Illi l-konvenut gie mitlub kemm-il darba mill-atturi sabiex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali u jottempra ruhu mal-inkarigu lilu moghti, pero inutilment;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi :

(1) tiddikjara li dawn is-sitt siggijiet u zewg pultruni ma gewx mahduma mill-konvenut skond l-arti u s-sengha u/jew mhux skond l-inkarigu lilu moghti;

(2) sussegwentement tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali kollha u jottempra ruhu mal-inkarigu lilu moghti skond il-mostra u katalogu lilu muri okkorrendo taht is-supervizjoni ta' periti nominandi; u

(3) fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak lilu ordnat fiz-zmien fuq imsemmi, l-atturi jigu huma awtorizzati jaghmlu dak kollu necessarju ghall-fini tal-klawsola precedenti a spejjez tal-istess konvenut;

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li huma infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 1998 li buh gie nominat bhala espert tekniku Alfred Sammut bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta illi l-atturi kienu inkarigaw il-konvenut biex jghamel sitt siggijiet u zewg pultruni u dana skond disinn li gie mghoti lilu. Il-konvenut accetta li jghamel dan ix-xoghol bil-prezz komplessiv ta' tlett mija, tnejn u erbghin liri maltin (Lm342);

L-atturi qed jallegaw li l-konvenut ma esegwix dan ix-xoghol skond l-arti u s-sengha u inoltre ma ghadx ghad-disinn lilu mghoti. L-atturi ghalhekk qed jitolbu li l-konvenut jigi kundannat jghamel ix-xoghol kollu rimedjali relattiv. Il-konvenut da parti tieghu qed jeccpixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

L-attrici, meta xehedet f'dawn il-proceduri, kkonfermat li meta l-konvenut lesta x-xoghol, is-siggijiet u pultruni ttiehdu ghand hadd iehor sabiex jigu llusrtati u tapezzati. Wara xi zmien l-attrici giet infurmata minn terzi illi s-siggijiet ma kienux mahdumin tajjeb billi kienu mxattrin u xi "joints" kienu minghajr mincotti. L-attrici qalet li kienet ukoll indunat li d-dahar taghhom ma kienx jaqbel mad-disinn mghoti lill-konvenut;

Il-konvenut jghid li meta l-attrici marret biex thallsu, peress li x-xoghol kien lest, l-istess attrici ma ghamlet ebda ilment. Il-konvenut kompla jghid li wara xi zmien l-attrici ilmentat mieghu li s-siggijiet ma sarux skond id-disinn. Huwa qal li fl-ebda hin ma l-attrici ilmentat li x-xoghol kien difettuz. Il-konvenut fil-fatt eskluda li ma kienx hemm minciotti u li s-siggijiet kienu mxattrin;

Ma saret ebda prova dwar l-ilment li l-ghamara in kwestjoni ma saritx skond id-disinn. In effett il-persuna li ghamlet dan id-disinn ikkonfermat li s-siggijiet sostanzjalment saru skond l-istess disinn. Ghalhekk ma jista jinghata ebda rimedju dwar dan l-ilment;

Dwar l-ilment l-iehor rigwardanti d-difetti fix-xoghol il-perit tekniku kkonkluda, b'mod generali, li x-xoghol mhux irfinut u zgur li ma jirreflettix il-prezz li thallas u kkonkluda, b'mod partikolari, li l-mincott hu bla sahha, li l-bord inhadem b'materjal irqiq wisq u li hemm difetti fis-saqajn. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-qorti milli ma taddotax dawn il-konkluzjonijiet. In vista ta' dan kollu, l-ilmenti tal-atturi rigwardanti difetti fix-xoghol jirrizultaw sufficjentement. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fir-rigward ta' dawn id-difetti fix-xoghol;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u (1) tiddikjara li dawn is-sitt siggijiet u zewg pultruni ma gewx mahduma mill-konvenut skond l-arti u s-sengha; (2) tikkundanna l-konvenut sabiex fi zmien xahar millum jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali necessarji u dana taht is-supervizjoni ta' Alfred Sammut li qed jigi nominat ghal dan l-iskop u (3) jekk il-konvenut jonqos li jghamel dan ix-xoghol rimedjali fiz-zmien lilu mghoti, tawtorizza lill-atturi jaghmlu dan l-istess xoghol, a spejjez tal-konvenut, dejjem taht is-supervizjoni tal-imsemmi Alferd Sammut;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.